MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 531/2004

**Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tas-Sahha**

**vs**

**RAB Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tad-Dipartimenti attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (LM4,823.59,0), ammont rapprezentanti s-somma ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), bhala penali u elfejn tmien mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu,**

**(Lm2,823.59,0), bhala danni skond il-ligi kif ukoll abbazi ta' l-artikolu tnax u hamsa tal-ispecial Conditions for the supply of provisions, fuel and washing materials li kienu jiffurmaw parti mill-kuntratt stante li huma naqsu milli jwettqu l-obbligi kontrattwali minnhom assunti bil-konsegwenza illi d-dipartimenti atturi kellhom iduru fuq obblaturi ohra;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tad-dipartimenti atturi sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 ta' Ottubru tas-sena 2005 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tad-dipartimenti atturi bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------